Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 3

Data tal-laqgħa: 13 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

### 3.1 Mozzjoni Numru 51 - Imressqa mill-Viċi Sindku, Dott. Angelo Micallef biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa u approvata Stqarrija għall-Istampa rigward ix-xogħol li qiegħed isir fil-Wied ta' Ħal Balzan.

3.1.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li kienet ippreżentata mill-Viċi Sindku, Dott. Angelo Micallef u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Gatt biex tissejjaħ laqgħa urġenti biex tiġi diskussa l-mozzjoni (annessa – Dok 1). Kopja tal-mozzjoni ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

3.1.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qal li l-intenzjoni ta' din il-mozzjoni hija li l-Kunsill jgħati appoġġ lit-talba tar-residenti bit-tama' li tali talba twassal sabiex jitħaffef il-pass fuq dan il-proġett vitali, f'waħda mit-toroq prinċipali f'Ħal Balzan. Il-Viċi Sindku qal li, kif hemm spjegat il-mozzjoni, din mhijiex kwistjoni partiġġjana imma biex ngħatu appoġġ it-talba tar-residenti, li dan il-proġett jitkompla u jitlesta fl-iqsar żmien possibli u bil-mod li jikkawża l-inqas inkonvejent possibli għar-residenti.

3.1.3 Is-Sindku, filwaqt li jaqbel perfettament mal-Viċi Sindku, qal li bħala Sindku kellu laqgħat kontinwi ma' *Infrastructure Malta* (IM) fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li dan huwa t-tielet kuntrattur li qed jaħdem f'din it-triq. Is-Sindku qal ukoll lix-xogħlijiet ta' tħaffir ma jistgħux isiru b'*heavy machinery* imma jrid isir kollox manwalment, minħabba l-mod diżastruż ta' kif ġew mgħoddija s-servizzi tul is-snin. U għalhekk, mhux każ li jiżdiedu l-ħaddiema u l-inġenji.

3.1.4 Is-Sindku qal li, sfortunatament, il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn ħlief li ninfurmaw lill-IM, kif diġa' sar diversi drabi, biex kontinwament ixarrbu t-triq, sabiex itaffu t-trabijiet, kif ukoll jieħdu ħsieb l-immaniġjar tat-traffiku għax ta' sikwit ikun hemm konfużjoni. B'hekk jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent.

3.1.5 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano qal li minflok issir Stqarrija għall-Istampa, ikun aktar ideali li jinħareġ fuljett biex ir-residenti jkunu nfurmati bl-iżviluppi tal-proġett. Is-Sindku qal li, kulħadd jaf bil-kumplikazzjonijiet tal-proġett.

3.1.6 Il-Viċi Sindku qal li hu jemmen li l-Istqarrija għall-Istampa għandha ssir biex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill. Qal ukoll li jaqbel lir-residenti jkunu nfurmati bl-iżviluppi. Il-Kunsilliera qablu dwar dan u għalhekk, is-SE ser titlob lill-Perit inkarigat mill-proġett, jekk hux possibbli li darba fix-xahar jibgħat jaġġorna lill-Kunsill fuq dan il-proġett. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jinfurma lir-residenti bl-iżvilupp fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsil fuq Facebook.

3.1.7 Residenta li kienet preżenti għal-laqgħa qalet li, filwaqt taqbel lir-residenti jkunu nfurmati u tixxarab it-triq biex jitnaqqsu t-trabijiet, issuġġeriet li l-preżenza ta' xi ħadd mill-Kunsill minn tal-inqas darba fil-ġimgħa, tgħin biex jitħaffef ix-xogħol. Il-Kunsilliera qalu li regolarment imorru fuq il-post, pero' il-preżenza tagħhom ma fiha l-ebda saħħa.

3.1.8 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Qal li l-kuntrattur huwa differenti minn dak tal-Wied ta' Ħal Balzan, u hekk hu l-mod ta' kif jaħdmu.

3.1.9 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva din il-mozzjoni. Is-SE se toħroġ l-Istqarrija għall-Istampa minnufih.

3.1.10 Il-laqgħa ntemmet fl-4.25pm.

Konfermati, it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2019.

| | |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Mozzjoni mressqa llum il-Ħamis 8 t'Awwissu 2019 sabiex ai termini ta' artikolu 29A tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan b'urġenza sabiex tiġi diskussa u approvata s-segwenti Stqarrija għall-Istampa**

Din il-mozzjoni sabiex issir il-laqgħa b'urġenza qegħda ssir stante l-fatt li l-materja tad-diskussjoni tirrigwarda xogħol li qiegħed isir f'waħda mit-toroq prinċipali ta' Ħal Balzan liema xogħol issa ilu għaddej żmien u liema dewmien qiegħed iwassal għall-iskomfort tar-residenti ta' l-nħawi. Il-mozzjoni hija ntiża sabiex il-Kunsill permezz tal-kelma tiegħu jgħati appoġġ lit-talba tar-residenti bit-tama' li tali talba twassal sabiex jitħaffef il-pass fuq dan il-proġett vitali għal Ħal Balzan.

**Proponent:** Dr. Angelo Micallef, Viċi Sindku
**Sekondant:** Sur Stephen Gatt, Kunsillier

<u>Appell fl-aħjar interess tar-residenti tal-Wied ta' Ħal Balzan</u>

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan dejjem laqgħa bħala aħbar pożittiva kull għajnuna jew ħidma mill-gvern ċentrali li twassal sabiex f'Ħal Balzan ikun hemm titjib infrastrutturali. Huwa għalhekk mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan dejjem ra bħala pożittiv il-fatt li l-karba tal-Balzanin sabiex il-Wied ta' Ħal Balzan jiġi rranġat u magħmul mill-ġdid waslet sabiex sa fl-aħħar il-gvern ċentrali ta' widen lil dan l-appell u beda l-ħidma fuq din it-triq.

Il-Kunsill Lokali jifhem li biex issir il-ħidma bil-fors ser ikun hemm xi perjodu ta' inkonvenjent għar-residenti ta' l-nħawi. Jifhem ukoll li dan ix-xogħol mhuwiex wieħed ta' għaġla imma li jrid isir b'attenzjoni sabiex l-affarijiet isiru sew.

Madankollu l-Kunsill Lokali huwa mħasseb li wara aktar minn sena dan il-proġett għadu fi stadju pjutost bikri u għadu qed jikkawża nkonvenjenza assoluta għar-residenti ta' l-nħawi. Li wieħed jgħix għal aktar minn sena fi trabien, b'kannalli ta' dranaġġ miftuħa quddiem id-dar tiegħu hija ċertament sitwazzjoni li bir-raġun tħasseb il-Kunsill Lokali.

Għalhekk il-Kunsill Lokali jappella lil dawk konċernati f'dan il-proġett sabiex dan il-proġett meħtieġ jingħata l-attenzjoni xierqa u jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex l-inkonvenjent għar-residenti ta' din it-triq jiġi riżolt.

Il-Kunsill Lokali huwa determinat li minn din il-kwistjoni ma' jagħmilx ballun politiku. Din mhijiex kwistjoni partiġġjana imma huwa d-dmir u d-dover tal-Kunsill Lokali li fejn l-aħjar interess tar-resident jidħol fin-nofs isemma leħnu. Bla dubju ta' xejn l-aħjar interess tar-resident huwa li dan il-proġett jitkompla u jitlesta fl-iqsar żmien possibli u bil-mod li jikkawża l-inqas inkonvejent possibli għar-residenti.